MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 1204/2001/1

**Valhmor Borg Import – Export Limited**

**vs**

**Christopher Engerer**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 t'Ottubru 2001 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf erba' mija u sitta u ghoxrin Liri Maltin u tmienja u sebghin centezmi (Lm1426.78), rapprezentanti debitu bilancjali rikonoxxut mill-konvenut skond skrittura privata minnu iffirmata u accettata tat-23 ta' Marzu 1998.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' l-Avviz u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-iskrittura privata tat-23 ta' Marzu 1998 sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:
1. Illi preliminarjament l-iskrittura datata 23 ta' Maarzu 1998 hija nulla u bla effett stante illi tikkostitwixxi kostituzzjoni ta' debitu u kwindi kienet tirrikjedi l-firma ta' mart il-konvenut ai termini tal-Artikolu 1322 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' attrici.
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda tal-konvenut u ta' Mariucca Engerer.

Ra s-sentenza tas-6 ta' Jannar 2003 fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Sema' x-xhieda tal-P.L. Victor Bugeja ghas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra li l-konvenut ma ressaqx provi in sostenn tat-talba tieghu fil-mertu.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf erba' mija sitta u ghoxrin Liri Maltin u tmienja u sebghin centezmi (Lm1,426.78), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------